# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta’ nhar il-Ġimgħa 12 ta’ Lulju 2019**

**Numru 14**

**Rikors numru 351/2019 fl-atti tal-mandat esekuttiv ta’ sekwestru numru 398/2019 fl-ismijiet:**

***Jebmed S.r.l.***

***v.***

***Il-bastiment M.V. Bright Star***

1. Dan huwa appell tas-soċjetà *Jebmed s.r.l.* [*Jebmed*] minn provvediment mogħti mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fis-7 ta’ Mejju 2019 li bih intlaqgħet talba tal-bastiment *M.V. Bright Star* [il-bastiment] biex jitħassar mandat ta’ sekwestru maħruġ kontra l-istess bastiment għax “irritwali proċeduralment u sostanzjalment”.

2. Il-fatti relevanti għal dan l-appell huma dawn: fuq talba ta’ *Jebmed* magħmula b’rikors tas-16 ta’ Marzu 2019 inħareġ dakinhar stess mandat esekuttiv ta’ sekwestru kontra l-bastiment. B’rikors tal-5 ta’ April 2019 il-bastiment talab li jitħassar il-mandat, u l-ewwel qorti bid-

dikriet tas-7 ta' Mejju 2019 li minnu sar dan l-appell laqgħet it-talba u ħassret il-mandat għal raġunijiet li fissrithom hekk:

> »Il-qorti … tqis illi l-mandat ta' sekwestru esekuttiv kontra vapur mhux f'postu proċeduralment u sostantivament. Dan għaliex il-mandati fihom infushom huma l-mezzi eżawrjenti ta' esekuzzjoni u l-liġi stess art. 252 Kap. 12 tagħmel lista bl-użu tal-kelma "biss" tal-mandati esekuttivi li jistgħu jinħarġu.
>
> »F'dan il-każ l-uniku mandat esekuttiv li l-liġi espressament issemmi li jista' jinħareġ kontra vapur huwa l-mandat ta' arrest u ebda forma ta' mandat ieħor.
>
> »*Di più* l-qorti tqis illi *di natura* mandat ta' sekwestru jinħareġ kontra d-debitur f'idejn is-sekwestrat [*recte*, is-sekwestratarju] biex dan tal-aħħar jonqos milli jgħaddi lid-debitur flus jew oġġetti appartenenti lid-debitur għax hemm kreditu dovut lis-sekwestrant.
>
> »F'dan il-każ is-sekwestru ma nħariġx kontra d-debitur imma nħareġ kontra l-oġġett innifsu li qed jintalab jiġi sekwestrat. Tant hu hekk illi l-art. 377 jgħid li sekwestru jrid jiġi notifikat kemm lid-debirur u kemm lis-sekwestrat. F'dan il-mandat id-debitur ma jidher imkien, u għalkemm in-notifika saret fuq Dr Ann Fenech bħala mandatarju tal-bastiment assenti, il-bastiment la hu d-debitur għax id-debitur hu sidu u lanqas huwa sekwestrat imma biss l-oġġett proprjetà tad-debitur li ma jinsabx f'Malta.
>
> »Il-qorti għalhekk tqis il-ħruġ ta' mandat bħala irritwali proċeduralment u sostanzjalment, u qed tirrevokah spejjeż għas-sekwestrant.«

3. *Jebmed* appellat b'rikors tat-13 ta' Mejju 2019 li għalih il-bastiment wieġeb fl-10 ta'Ġunju 2019.

4. L-aggravji tal-appell ġew fil-qosor imfissra hekk minn *Jebmed*:

> »fl-ewwel lok l-ewwel qorti kienet legalment u proċeduralment żbaljata meta ddeċidiet illi l-uniku mandat esekuttiv li l-liġi tippermetti jinħareġ kontra bastiment huwa l-mandat t'arrest;
>
> »fit-tieni lok l-ewwel qorti kienet żbaljata wkoll meta qieset illi s-sekwestru ma nħariġx kontra d-debitur anke jekk fl-istess digriet tgħid li "d-debitur hu sid" il-bastiment.«

5. Kompliet tfisser dawn l-aggravji hekk:

> »<u>L-ebda provvediment fil-liġi ma jipprekludi l-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru esekuttiv fil-konfront tal-bastimenti</u>
>
> »Illi l-liġi nostrana mkien ma tipprekludi jew timpedixxi l-ħruġ ta' xi mandat ta' sekwestru esekuttiv fil-konfront ta' bastimenti.

»Illi l-artikolu tal-liġi ċitat mill-bastiment sekwestrat fir-rikors promotur tiegħu, *cioè* l-artikolu 855 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jitkellem dwar mandati kawtelatorji mhux esekuttivi. Li kieku l-leġislatur ried li dan l-provvediment japplika wkoll għall-mandati esekuttivi kien jagħmel hekk speċifikament – *ubi lex voluit dixit*!

»Illi l-artikolu 42(2) tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili jipprovdi illi "Ipoteka navali reġistrata għandha titqies bħala titolu esekuttiv għall-finijiet tal-artikolu 253 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili". Għalhekk, darba li l-ipoteka navali hija meqjusa bħala waħda mit-titoli esekuttivi elenkati fl-artikolu 253 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, isegwi illi hija wkoll regolata bl-artikoli kollha li jsegwu u li jirrelataw l-esekuzzjoni ta' tali titoli, xejn iżjed u xejn inqas.

»Illi minkejja illi l-ewwel qorti tissostanzja d-digriet tagħha b'riferenza għall-artikolu 252 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-ewwel qorti interpretat b'mod żbaljat għall-aħħar l-użu tal-kelma "biss" f'dan l-istess artikolu. Dan għaliex l-kelma "biss" għandha tinqara fil-kuntest tagħha ċioe illi "l-esekuzzjoni b'wieħed mill-mezzi msemmijin fl-artikolu 273 tista' ssir biss bis-saħħa ta' titolu esekuttiv".

»Illi għalhekk ċertament ma hemm l-ebda impediment proċedurali għall-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru esekuttiv odjern.

»<u>Azzjoni *in rem*</u>

»Illi l-esekuzzjoni ta' att esekuttiv hija azzjoni li tikkontempla l-ħruġ ta' rikors skont il-formola preskritta, disponibbli għall-kreditur fil-Qrati tal-Ġustizzja li jkollu titolu esekuttiv validu u esegwibbli.

»Illi ġurisprudenza konstanti u konsistenti tgħallimna illi fi kwistjonijiet relatati ma bastimenti azzjoni tista' titmexxa *in rem* jekk (i) il-bastiment ikun preżenti f'Malta, (ii) l-azzjoni tkun diretta kontra l-bastiment u (iii) it-talba mressqa tkun waħda minn dawk elenkati fl-Att XIV tal-2006.

»Illi fil-każ odjern l-ewwel element huwa sodisfatt in kwantu illi l-ammont iddepożitat taħt l-awtorità ta' dina l-onorabbli qorti permezz taċ-ċedola 1205/18 jirrappreżenta l-bastiment appellat – tant li fid-data tal-preżentata ta' dan ir-rikors t'appell għad hemm mandat t'arrest *in vigore*, u dan il-fatt huwa kkonfermat minn dina l-onorabbli Qorti tal-Appell Superjuri fis-sentenza tagħha tat-8 ta' Frar 2019.

»Illi t-tieni element huwa sodisfatt għaliex ir-rikors għal-ħruġ tal-mandat esekuttiv sar kontra l-bastiment.

»Illi t-tielet element huwa sodisfatt għaliex l-esekuzzjoni qed tintalab a bażi ta' ipoteka navali reża esegwibbli.

»<u>Id-debitur u s-sekwestratarju fil-mandat ta' sekwestru</u>

»Illi darba li jiġu sodisfatti l-elementi għal proċedura *in rem*, il-bastiment jingħata personalità ġuridika distinta limitata għal dik l-azzjoni. Din tidher li hija l-interpretazzjoni li b'mod konsistenti l-qrati tagħna taw lin-natura tal-bastiment.

»Illi dwar in-natura tal-bastiment essenzjalment jeżistu żewġ teoriji magħrufa bħala "*the personification theory*" u "*the procedural theory*".

»Illi filwaqt li fil-*personification theory* l-bastiment huwa meqjus illi jgawdi minn personalità ġuridika separata u distinta minn dik tas-sid, il-*procedural theory* tqis illi l-azzjoni *in rem* hija biss għodda disponibbli għal kreditur sabiex iġiegħel lis-sid tal-bastiment jidher fil-proċeduri

ġudizzjarji u li għalhekk essenzjalment il-bastiment u s-sid huma l-istess entità - *one and the same*.

»Illi għalhekk kemm jekk wieħed japplika l-*personification theory* u kemm jekk wieħed japplika l-*procedural theory*, il-mandat ta' sekwestru in kwistjoni għandu jinħareġ kontra l-bastiment appellat. Dan għaliex jekk skont il-*personification theory* il-bastiment għandu personalità ġuridika separata u distinta minn dik tas-sid, u l-ipoteka navali tolqot essenzjalment il-bastiment appellat u l-ebda proprjetà oħra tas-sid, mela d-debitur huwa l-bastiment u mhux sidu. Fl-istess waqt jekk skont il-*procedural theory* il-bastiment huwa biss intimat bħala għodda sabiex iġiegħel lis-sid debitur jidher fil-proċeduri, darba li jissussistu l-elementi għal azzjoni *in rem*, il-mandat maħruġ fil-konfront tal-bastiment huwa tajjeb.

»Illi skont l-artikolu 37A tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, il-"Bastimenti u bċejjeċ oħra tal-baħar jikkostitwixxi klassi partikolari ta' mobbli li bihom jiffurmaw assi separati u distinti fil-proprjetà tas-sidien tagħhom".

»Illi l-leġislatur stess irid illi tinżamm distinzjoni bejn dak li hu tas-sid u li jista' jkun relatat ma proprjetà u jew azjenda oħra tas-sid u dawk l-oġġetti, inkluż flejjes, marbuta mal-bastimenti. Di fatti, l-artikolu 37A(2) tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili jitkellem dwar "aċċessorji li jkunu jappartjenu lill-bastiment".

»Illi f'dan il-kuntest ċertament ma jistax jingħad illi mandat ta' sekwestru maħruġ kontra bastiment huwa inkompatibbli u/jew irritwali, speċjalment meta l-mandat ta' sekwestru esekuttiv in kwistjoni għandu l-iskop illi jissekwestra somma depożitata taħt l-awtorità ta' dawn il-qrati mill-bastiment permezz taċ-ċedola numru 1205/18. Lanqas huwa insostenibbli li jingħad li s-sid tal-bastiment appellat, kemm-il darba għandu f'idejh oġġetti u/jew flejjes li, fi kliem il-leġislatur, "jappartjenu lill-bastiment", għandu jkun meqjus bħala sekwestratarju.

»<u>Konklużjoni</u>

»Illi in konklużjoni pertinenti jiġi mfakkar il-kuntest li fih ġie maħruġ dan il-mandat esekuttiv. Is-soċjetà appellanti hija konfermata kreditur b'titolu esekuttiv esegwibbli fuq il-bastiment u l-għan ewlieni u aħħari tagħha huwa li tipproteġi s-saħħa u l-enforzabilità tat-titolu esekuttiv tagħha f'tentattiv mid-debitur illi dan jiġi mminat. Il-proċedura li biha għandu jsir il-ħlas, darba li t-titolu esekuttiv esegwibbli huwa indubitat, għandha tkun irrelevanti speċjalment meta l-eżitu finali ser ikun identiku, u dan id-dibattitu dwar il-formalitajiet, għalkemm dibattitu akkademiku interessanti għall-aħħar, qiegħed biss jiddilunga ż-żmien li fih għandha titħallas is-soċjetà appellanti, li sadattant tkompli ssofri danni nġenti u b'riskju li tiġi imminata l-enforzabilità ta' titolu esekuttiv tajjeb.«

6. Din il-qorti tqis illi relevanti għal din il-kwistjoni ma hijiex jekk huwiex biss il-mandat ta' arrest ta' bċejjeċ tal-baħar li jista' jinħareġ kontra bastiment, kif tgħid l-ewwel qorti, iżda speċifikament jekk jistax jinħareġ mandat esekuttiv ta' sekwestru f'ċirkostanzi bħal dawk tallum.

7. Il-mandat ta' sekwestru hu maħsub li jolqot flus depożitati b'ċedola ta' depożitu numru 1205/2018 minn *Bluefin Marine Limited* ["*Bluefin*"] – sidt il-bastiment – biex jeħilsu lill-bastiment minn mandat ta' arrest ta' bċejjeċ tal-baħar maħruġ fuq talba ta' *Jebmed* bis-saħħa ta' ipoteka navali.

8. Huwa stabbilit illi *Jebmed* hija kreditriċi u għandha wkoll titolu esekuttiv. Id-debitur ta' *Jebmed* hija s-soċjetà *Capitalease S.p.A.* ["*Capitalease*"] li kienet is-sid tal-bastiment qabel ma nbigħ b'irkant fil-qorti tal-Ġamajka. Is-soċjetà li akkwistat il-bastiment – *Bluefin* – hija biss debitriċi *propter rem* minħabba l-ipoteka li biha hu milqut il-bastiment, u r-responsabilità tagħha hija limitata għall-bastiment innifsu, jew, illum, il-flus depożitati biċ-ċedola fuq imsemmija biex jieħdu post il-bastiment.

9. Li kieku l-mandat inħareġ kontra *Capitalease* – id-debitriċi personali – ma kienx jolqot il-flus depożitati għax dawk il-flus ma humiex ta' *Capitalease*. Il-mandat seta' nħareġ kontra *Bluefin*, li għalkemm mhix debitriċi personalment hija debitriċi *propter rem*. Ir-responabilità ta' *Bluefin* kif ingħad fil-paragrafu ta' qabel dan hija limitata għall-flus depożitati biċ-ċedola, u għalhekk il-mandat seta' nħareġ kontrieha sakemm jinħareġ b'mod li jolqot biss dawk il-flus, *i.e.* sakemm is-sekwestratarji jkunu dawk biss li għandhom f'idejhom il-flus depożitati. Il-mandat iżda nħareġ kontra l-bastiment, u għalhekk is-sekwestrat – il-bastiment – u l-ħaġa milquta bil-mandat – il-flus li ħadu post il-bastiment – huma l-istess. Il-mandat għalhekk qiegħed jordna lis-

sekwestratarji biex ma jagħtux il-bastiment (fil-forma tal-flus li jir-rappreżentawh) lill-bastiment. Kienet din l-anomalija li wasslet lill-ewwel qorti biex tgħid illi mandat ta' sekwestru ma jistax jinħareġ kontra bastiment, u din il-qorti taqbel ma' din il-konklużjoni.

10. Barra minn hekk il-mandat, maħruġ għall-esekuzzjoni tal-kreditu ta' *Jebmed*, inħareġ inutilment. Iċ-ċedola ta' depożitu tgħid illi s-somma depożitata għandha "tiġi rilaxxata lil min ikollu dritt għaliha skond il-liġi". Skond il-liġi hija *Jebmed* li għandha mhux biss dritt għall-flus iżda wkoll titolu esekuttiv għalihom u dritt ta' preferenza. Fid-dawl ta' dak li jgħid u jrid l-art. 276 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili[1], ma kien meħtieġ ebda att esekuttiv ieħor wara l-ħruġ tal-mandat esekuttiv ta' arrest ta' bċejjeċ tal-baħar biex *Jebmed* tieħu dak li jmiss lilha.

11. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell u tikkonferma d-dikriet appellat. L-ispejjeż ta' dan l-episodju, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, tħallashom *Jebmed.*

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr

[1] **276.** Ħadd ma jista' jagħmel oppożizzjoni għall-esekuzzjoni ta' mandat, ħlief wara li tkun saret l-esekuzzjoni.